L-Università ta' Malta

Human Resources Management & Development Office

University of Malta
Msida MSD 2080, Malta

Tel: +356 2340 2810
hrmd@um.edu.mt

www.um.edu.mt

# SEJĦA GĦALL-APPLIKAZZJONIJIET

## Riċerkatriċi jew Riċerkatur Part-Time II

### Id-Dipartiment tal-Malti

1. Id-Dipartiment tal-Malti għandu bżonn persuna biex taħdem bħala riċerkatriċi jew riċerkatur ("Research Support Officer II") fil-qasam tat-Tradizzjoni Orali.

2. Il-persuna li tidħol għal dan ix-xogħol irid ikollha Masters.

3. Dan il-post se jkun għal total ta' 79 siegħa xogħol bejn Lulju u Diċembru tal-2024. Il-ħlas għar-riċerkatriċi jew riċerkatur se jkun ta' €13.86 fis-siegħa.

4. Il-persuna li tintgħażel trid tkun qed tgħix Malta fil-perjodu li fih tkun qed taħdem fuq dan il-proġett.

5. Biex japplikaw, il-kandidati jridu jibagħtu l-ittra, kopja tal-*curriculum vitae* u kopja taċ-ċertifikati tagħhom lil malti.arts@um.edu.mt **sat-Tnejn**, **8 ta' Lulju 2024.**

   **Ma naċċettawx applikazzjonijiet li jaslu tard.**

L-Uffiċċju tal-Università ta' Malta
L-Imsida, 25 ta' Ġunju 2024

**Sejħa għall-Applikazzjonijiet**
**Riċerkatriċi jew Riċerkatur Part-Time II**
**Id-Dipartiment tal-Malti**

---

**Aktar Tagħrif**

1. Dan huwa x-xogħol li tista' tintalab tagħmel il-persuna magħżula:
    a. tieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-proġett fuq It-Tradizzjoni Orali;
    b. tagħmel l-intervisti meħtieġa għall-proġett ibbażati fuq sisien akkademiċi sodi;
    c. tiddiġitalizza l-intervisti, tippubblikahom fuq l-internet u tipprovdi klassifikazzjoni b'għodod ta' riċerka biex dawn l-intervisti jservu bħala riżorsa importanti għar-riċerkaturi.

2. Il-persuna magħżula tkun trid taħdem:
    a. Fuq bażi part-time; u
    b. Fil-postijiet u l-ħinijiet magħżula mill-awtoritajiet tal-Università

3. Fil-proċess tal-għażla:
    a. Nivverifikaw il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna tiddikjara li għandha u t-testimonjanzi u/jew iċ-ċertifikati li jridu jintbagħtu mal-ittra tal-applikazzjoni u li jikkonfermaw dak li tistqarr il-persuna;
    b. Nidentifikaw il-kandidati l-aktar idonei għal dan il-post;
    c. Nintervistaw lill-persuna fil-qosor jew anki fit-tul.

4. Il-ħatra ssir bil-kundizzjoni li jkun hemm perjodu ta' prova, u skont id-dispożizzjonijiet tal-Istatuti, ir-Regolamenti u Bye-Laws attwali tal-Università jew dawk li jistgħu jidħlu fis-seħħ 'il quddiem.

L-Uffiċċju tal-Università ta' Malta
L-Imsida, 25 ta' Ġunju 2024